

31968L0297

23.7.1968

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 175/15

**ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL****tad-19 ta' Lulju 1968****dwar l-istandardizzazzjoni tad-dispożizzjonijiet li jirrigwardaw id-dħul mingħajr dazju ta' karburant kontenut fit-tankijiet tal-karburant ta' vetturi bil-mutur**

(68/297/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 75 u 99 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill <sup>(1)</sup> tat-13 ta' Mejju 1965 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet li jaffettwaw il-kompetizzjoni fit-trasport bil-ferrovija, bit-triq u bil-kanali interni, u b'mod partikolari l-Artikolu 1(b) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew <sup>(2)</sup>,

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali <sup>(3)</sup>,

Billi l-adozzjoni ta' politika komuni tat-trasport titlob l-istabbiliment ta' regoli komuni għat-trasport internazzjonali lejn jew mit-territorju ta' Stat Membru, jew li jgħaddi mit-territorju ta' Stat Membru wieħed jew aktar;

Billi l-istabbiliment ta' dawn ir-regoli komuni għandu jinkludi wkoll l-istandardizzazzjoni tad-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw id-dħul mingħajr dazju ta' karburant kontenut fit-tankijiet tal-karburant ta' vetturi kummerċjali bil-mutur;

Billi, sabiex jiġu armonizzati l-kondizzjonijiet ta' kompetizzjoni bejn it-trasportaturi fl-Istati Membri varji:

- il-kwantità minima ta' karburant mingħajr dazju ammissibbli għandha tiġi speċifikata, u l-kondizzjonijiet għall-ammissjoni mingħajr dazju ta' kwantitajiet addizzjonali għandhom jiġu stabbiliti;

- id-dispożizzjonijiet applikabbli fi Stat Membru li jikkonċernaw id-dħul mingħajr dazju ta' karburant għandhom ikunu l-istess irrISPETTIVAMENT mill-Istat Membru li fih tkun irreġistrata l-vettura;

Billi, sabiex jiġu evitati abbużi fir-rigward ta' karburant impurta mingħajr dazju, għandhom isiru dispożizzjonijiet speċjali fir-rigward ta' żoni tal-fruntiera;

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

*L-Artikolu 1*

L-Istati Membri għandhom, waqt li jaġixxu skond din id-Direttiva, jistandardizzaw id-dispożizzjonijiet li jirrigwardaw id-dħul mingħajr dazju ta' karburant kontenut fit-tankijiet ta' karburant ta' vetturi kummerċjali bil-mutur irreġistrati fi Stat Membru u li jivjaġġaw tul fruntieri komuni bejn l-Istati Membri.

*L-Artikolu 2*

Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva "vettura kummerċjali bil-mutur" tfisser kull vettura tat-triq bil-mutur li fil-kostruzzjoni u t-tagħmir tagħha hija addattata u maħsuba għat-trasport, bir-rimunerazzjoni jew mingħajrha:

- (a) ta' iktar minn disa' persuni inkluż is-sewwieq;

- (b) ta' merkanzija.

*L-Artikolu 3*

1. B'effett minn mhux iktar tard mill-1 ta' Frar 1969, l-Istati Membri għandhom idaħħlu mingħajr dazju kwantità ta' ħamsin litru ta' karburant għall-muturi.

2. Kull meta ssir approssimazzjoni maġġuri ta' sistemi nazzjonali ta' tassazzjoni fuq il-karburant tad-diżil, il-Kunsill, waqt li jaġixxi unanimament fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jispesifikar il-kwantità ta' karburant li l-Istati Membri għandhom idaħħlu mingħajr dazju b'żieda mal-kwantità speċifikata fil-paragrafu 1.

<sup>(1)</sup> ĠU 88, ta' l-24.5.1965, p. 1500/65.

<sup>(2)</sup> ĠU 28, tas-17.2.1967, p. 459/67.

<sup>(3)</sup> ĠU 42, tas-7.3.1967, p. 618/67.

Il-Kunsill għandu, waqt li jimxi fuq l-istess proċedura, jieħu deċiżjoni li tikkonċerna d-dħul mingħajr dazju tal-karburant kollu kontenut fit-tankijiet normali ta' karburant ta' vetturi kummerċjali bil-mutur, ladarba d-differenzi f'sistemi ta' tassazzjoni msemmija qabel ikunu tnaqqsu biżżejjed.

3. Kull Stat Membru jista' jdaħħal kwantitajiet ta' karburant mingħajr dazju b'żieda mal-kwantitajiet ammessibbli skond id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 u 2.

4. Il-Kwantitajiet ta' karburant speċifikati minn Stat Membru skond kwalunkwe paragrafu preċedenti għandhom ikunu l-istess irrispettivament mill-Istat Membru li fih tkun irreġistrata l-vettura kummerċjali bil-magna.

*L-Artikolu 4*

Fl-ebda każ ma jistgħu jkunu adottati minn Stat Membru, skond din id-Direttiva, miżuri inqas favorevoli minn dawk applikati minn dak l-Istat Membru għal vetturi kummerċjali bil-mutur irreġistrati f'pajjiżi terzi u li jivjaġġaw tul fruntieri komuni bejn Stati Membri.

*L-Artikolu 5*

1. Kull Stat Membru jista', wara li jikkonsulta mal-Kummissjoni, jillimita l-kwantitajiet imdaħħla mingħajr dazju skond l-

Artikolu 3(2) fir-rigward ta' vetturi kummerċjali bil-mutur li jwettqu operazzjonijiet internazzjonali ta' trasport fiż-żoni ta' fruntiera tiegħu għal fond li ma jaqbiżx il-ħamsa u għoxrin kilometru f'linja dritta.

2. Il-Kwantitajiet ta' karburant speċifikati minn Stat Membru skond il-paragrafu 1 għandhom ikunu l-istess irrispettivament mill-Istat Membru li fih tkun irreġistrata vettura kummerċjali bil-mutur.

*L-Artikolu 6*

L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bil-miżuri meħuda biex tiġi implimentata din id-Direttiva.

*L-Artikolu 7*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fid-19 ta' Lulju 1968.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

O. L. SCALFARO